*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,074, 23 ta' Ġunju, 2023*
*Taqsima B*

**A.L. 136 tal-2023**

**ATT DWAR GVERN LOKALI**
**(KAP. 363)**

**Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 72 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Ministru responsabbli għall-Gvern Lokali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet. Titolu, applikabilità u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu applikabbli skont l-artikolu 34(2) tal-Att dwar Gvern Lokali. Kap. 363.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2023.

**2.** F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"applikant" tfisser kwalunkwe individwu li japplika għall-permess skont dawn ir-regolamenti;

"applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn applikant lill-Kunsill Lokali skont dawn ir-regolamenti, fil-formoli li jinsabu elenkati fl-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

"Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"awtorità" tinkludi kwalunkwe Ministeru jew dipartiment jew aġenzija tal-Gvern u kwalunkwe korp magħqud imwaqqaf bil-liġi;

"caravan" tfisser kwalunkwe vettura bil-qawwa mekkanika tagħha jew xort'oħra, maħsuba sabiex iġġorr persuni u li tkun mgħammra b'sodod u, jew tkun armata b'mod li fiha jista' jissajjar ikel;

"jum" tfisser minn nofs-il lejl ta' ġurnata speċifika sa nofs il-lejl tal-għada;

"Kunsill" tfisser Kunsill Lokali;

"lokalità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"tqegħid" tfisser parkeġġ fl-istess lokalità għal perjodu li jaqbeż erba' (4) sigħat jew għal perjodi li flimkien jaqbżu l-erba' (4) sigħat fl-istess jum;

"żona temporanja għall-kampeġġ" tfisser kwalunkwe żona speċifikata f'bye-law maħruġa minn Kunsill Lokali wara li jinkisbu l-permessi meħtieġa skont xi liġi, fejn ikunu jistgħu jiġu mqiegħda caravans għal żmien ta' mhux aktar minn sebat (7) ijiem bejn l-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru.

Applikabilità bla ħsara għal bye-laws oħra.

**3.** Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru ta' kull sena u għandhom japplikaw minflok bye-laws oħra magħmula minn xi Kunsill rigward it-tqegħid ta' caravans fil-lokalità in kwistjoni:

Iżda l-imsemmija bye-laws għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' tqegħid ta' caravans li ma huwiex provdut dwaru f'dawn ir-regolamenti u matul ix-xhur l-oħra tas-sena.

Projbizzjoni ta' tqegħid ta' caravans barra mil-lokalitajiet awtorizzati.

**4.** (1) Bla ħsara għal kwalunkwe liġi oħra li tipprovdi għall-ħtieġa ta' xi permess ieħor minn xi awtorità oħra jew għal xi proċedura ta' infurzar jew għal xi piena għal reat skont dik il-liġi, l-ebda persuna ma tista' f'xi post ġewwa lokalità tqiegħed caravan mingħajr l-awtorizazzjoni minn qabel bil-miktub mogħtija mill-Kunsill skont dawn ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet stipulati fil-permess.

(2) Permess skont is-subregolament (1) jista jingħata biss:

(a) dwar tqegħid ta' caravan f'żona temporanja għall-kampeġġ; jew

(b) dwar tqegħid ta' caravan għal jum wieħed (1) f'post fil-lokalità barra ż-żona temporanja għall-kampeġġ:

Iżda permess maħruġ skont il-paragrafu (b) ma jistax jawtorizza t-tqegħid ta' caravan f'xi żona ta' parkeġġ fil-lokalità li tkun ġestita minn entità pubblika bħala żona ta' parkeġġ ta' faċilità ta' dik l-entità mingħajr il-kunsens minn qabel ta' dik l-entità.

Eżenzjonijiet.

**5.** Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 3 u 4 ma għandhomx japplikaw:

(a) għat-tqegħid ta' caravans fuq art tal-Gvern li dwaru

jkun hemm fis-seħħ ftehim bejn l-Awtorità tal-Artijiet u għaqda li tirrappreżenta l-interessi kollettivi ta' sidien ta' caravans u li bih ikun permess li jiġu mqiegħda caravans fuq dik l-art, skont il-kondizzjonijiet ta' dak il-ftehim;

(b) għat-tqegħid ta' caravans fuq art privata bil-permess tas-sid ta' dik l-art f'ċirkostanzi fejn dak l-użu ta' tali art hu permess skont il-liġi; u

(ċ) għat-tqegħid ta' caravans fil-lokalità tar-residenza ordinarja tas-sid tal-caravan f'post raġjonevolment viċin dik ir-residenza, bla ħsara għal kwalunwke liġi oħra:

Izda matul iż-żmien ta' tali tqegħid, il-caravan ma jkunx qiegħed jintuża għal skopijiet ta' kampeġġ jew abitazzjoni.

**6.** (1) Applikant jista' japplika mal-Kunsill għal permess sabiex iqiegħed caravan f'waħda miż-żoni indikati fil-bye-laws rispettivi tal-lokalitajiet fir-rigward ta' tqegħid ta' caravans jew f'post ieħor fil-lokalità. Applikazz-jonijiet.

(2) L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dettalji dwar il-caravan li ġejjin:

(a) id-daqs;

(b) jekk il-caravan għandux qawwa mekkanika jew xort'oħra;

(ċ) il-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' preparazzjoni tal- ikel li hemm fil-caravan;

(d) in-numru ta' persuni li l-caravan jista' jakkomoda; u

(e) ritratt tal-caravan.

(3) L-applikazzjoni għandha tinkludi l-ismijiet, il-kunjomijiet u n-numri tal-karta tal-identità tal-persuni li għandhom jużaw il-caravan fiż-żona temporanja għall-kampeġġ jew f'post ieħor fil-lokalità u d-dati li fihom l-applikant għandu intenzjoni li jqiegħed il-caravan fl-imsemmija żona jew post;

**7.** (1) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess sabiex tqiegħed caravan f'żona temporanja għall-kampeġġ għal jum wieħed (1) barra minn żona temporanja għall-kampeġġ skont ir-regolamenti 3 u 4, għandha ssir mal-Kunsill tal-lokalità ta' fejn tinstab dik iż-żona skont kif determinat mill-Kunsill: Ħruġ ta' permessi u kondizzjonijiet.

Iżda l-Kunsill għandu kemm jista' jkun jipprovdi ukoll faċilitajiet sabiex l-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-permessi jkunu jistgħu jsiru wkoll b'mezz elettroniku.

(2) Permess maħruġ minn Kunsill sabiex caravan jiġi mqiegħed f'żona temporanja għall-kampeġġ jew f'post ieħor skont ir-regolamenti 3 u 4, għandu jkun soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu determinati mill-Kunsill li jistgħu jinkludu, *inter alia*, kondizzjonijiet dwar sanità u żamma ta' indafa, nuqqas ta' ngombru, imġiba xierqa u tisjir fil-beraħ. Jistgħu jiġu mposti kondizzjonijiet differenti dwar tipi ta' caravans differenti u partikolarment dwar caravans bil-qawwa mekkanika tagħhom jew xort'oħra.

(3) Permess maħruġ skont dawn ir-regolamenti jew skont xi bye-law oħra ta' Kunsill individwali, ma jistax jawtorizza it-tqegħid ta' caravan f'żona temporanja ta' kampeġġ għal perjodu ta' aktar minn sebat (7) ijiem.

Żamma ta' ndafa u rispett għall-ambjent.

**8.** (1) L-applikant għandu jirrispetta l-ambjent naturali taż-żona u għandu jżomm il-parti taż-żona jew post ieħor assenjati għat-tqegħid tal-caravan tiegħu, u kwalunkwe faċilitajiet li jista' jkun hemm fihom għall-użu tiegħu, fi stat nadif u meta l-caravan jitneħħa minn fuq il-post l-faċilitajiet u l-art użata għandhom jitħallew fi stat nadif.

(2) Matul iż-żmien kollu li fih ikun imqiegħed il-caravan fiż-żona temporanja għall-parkeġġ jew f'post ieħor, l-applikant għandu jkollu boroż tal-iskart bħala parti mit-tagħmir tiegħu ta' kuljum.

Il-permess għandu jkun eżebit fuq il-caravan.

**9.** (1) Matul iż-żmien li caravan ikun imqiegħed f'żona temporanja għall-kampeġġ jew f'post ieħor skont ir-regolamenti 3 u 4, il-permess illi jawtorizza dak it-tqegħid irid ikun muri b'mod prominenti fuq il-caravan.

(2) Permess stampat mill-applikant wara li jkun ircevih elettronikament mingħand il-Kunsill għandu jkun ukoll validu sabiex jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament.

Ħinijiet meta l-caravan jista' jitwassal fiż-żona.

**10.** Kull caravan permess skont dawn ir-regolamenti għandu, fl-ewwel jum ta' tqegħid fiż-żona temporanja għall-kampeġġ, jitwassal fiż-żona, u jekk ikun hemm post fiż-żona indikata lill-applikant fil-permess, il-caravan għandu jitqiegħed bejn id-disgħa ta' filgħodu (9a.m.) u d-disgħa ta' filgħaxija (9p.m.) iżda fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard mid-disgħa ta' filgħaxija (9p.m.).

Numru ta' persuni akkomodati f'caravan.

**11.** Ma jistgħux jiġu akkomodati f'caravan aktar minn erba' (4) adulti jew fil-każ ta' familja jew grupp ieħor bit-tfal, żewġ (2) adulti u t-tfal li jkunu fil-kustodja tagħhom.

**12.** Sakemm il-Kunsill ma jassenjax post ieħor, l-ebda caravan ma għandu jitqiegħed f'distanza ta' inqas minn ħmistax-il (15) metru 'l ġewwa mill-kosta. Distanza mill-kosta.

**13.** (1) Għandu jkun dovut dritt ta' għaxar euro (€10), li għandu jitħallas bil-quddiem mill-persuna li lilha jinħareġ permess skont ir-regolament 3, lill-Kunsill Lokali għal kull jum illi fih caravan ikun awtorizzat li jkun imqiegħed f'żona temporanja għall-kampeġġ. Drittijiet.

(2) F'każ ta' permess għal tqegħid ta' caravan barra miż-żona temporanja għall-parkeġġ, għandu jkun dovut dritt ta' ħames euro (€5).

**14.** Bla ħsara għal kwalunkwe piena ogħla applikabbli skont xi liġi oħra, kull persuna li, ħlief kif jista' jkun espressament permess taħt xi liġi, tqiegħed caravan f'xi lokalità b'mod li mhux skont dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe kondizzjoni li tkun tifforma parti minn permess maħruġ skont dawn ir-regolamenti għandha tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, u meta tinstab ħatja ta' tali kontravvenzjoni għandha teħel ammenda ta' mhux inqas minn mitt euro (€100) u mhux iktar minn ħames mitt euro (€500) u ta' ħamsin euro ((€50) għal kull jum li fih tali kontravvenzjoni tippersisti. Reati u pieni.

---

## L-EWWEL SKEDA

### Kunsill Lokali (Stemma)

### Formola ta' Applikazzjoni għall-Permess

**Formola ta' Applikazzjoni għat-Tqegħid ta' Caravan f' Żona Temporanja ta' Kampeġġ fil-Lokalità ta' ……..**

Is-Segretarju Eżekuttiv,

Qiegħed nitlob permess skont ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet sabiex inqieghed caravan kif ġej:

Żona: ______________________________

Data/i: _____________________________

Daqs tal-caravan: ____________________

Il-caravan għandu qawwa mekkanika: IVA/LE

Il-caravan fih faċilitajiet ta’ akkomodazzjoni għal _____persuni

Il-caravan fih kċina/faċilitajiet ta’ preparazzjoni ta’ ikel: IVA/LE

Qiegħed nehmeż ritratt tal-caravan

Dawn il-persuni se jkunu akkomodati fil-caravan:

Adulti:

__________________- KI numru _________________

_________________ KI numru___________________

__________________- KI numru _________________

__________________- KI numru _________________

Minorenni fil-kustodja tal-adulti:

__________________- _________________ KI numru/ Att ta’ Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

__________________- _________________ KI numru/ Att ta’ Twelid - numru ta’ reġistrazzjoni

__________________- _________________ KI numru/ Att ta’ Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

__________________- _________________ KI numru/ Att ta’ Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

Jiena nobbliga ruħi li nosserva r-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta’ Caravans f’Lokalitajiet, inkluż l-kondizzjonijiet kollha li jistgħu jiġu imposti mill-Kunsill.

______________________________________

(Firma)

Isem: _________________________________

K.I. numru: ____________________________

Indirizz:
____________________________________________________________
____________________________________________________________

Tel:__________________________

**Għall-Użu Uffiċjali:**

Qiegħed b'dan jingħata l-permess sabiex jiġi mqiegħed caravan fiż-żona temporanja għall-kampeġġ msejħa……..: mill-applikant ………..għall-perjodu li jibda fil-……..u jintemm fil-…………….

Kondizzjonijiet:

Dan il-permess qiegħed jinħareġ taħt dawn il-kondizzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mill-permess:

Li l-applikant josserva r-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans fil-Lokalitajiet .

Kondizzjonijiet oħra tal-permess:

Post fejn jista' jitqiegħed il-caravan:

Dritt Imħallas:

Riċevuta Numru:

TIMBRU

**IT-TIENI SKEDA**

**Kunsill Lokali (Stemma)**

**Formola ta’ Applikazzjoni għall-Permess**

**Formola ta’ Applikazzjoni għat-Tqegħid ta’ Caravan Barra Żona Temporanja ta’ Kampeġġ fil-Lokalità ta’ ……..**

Is-Segretarju Eżekuttiv,

Qiegħed napplika sabiex inqiegħed il-caravan għal jum wieħed (data……….........) kif ġej:

Post: ________________________

Data: __________________________

Daqs tal-caravan: ________________________

Il-caravan għandu qawwa mekkanika: IVA/LE

Il-caravan fih faċilitajiet ta’ akkomodazzjoni għal _____persuni

Il-caravan fih kċina/faċilitajiet ta’ preparazzjoni ta’ ikel: IVA/LE

Qiegħed nehmeż ritratt tal-caravan

Dawn il-persuni se jkunu akkomodati fil-caravan:

Adulti:

__________________- KI numru _________________

_________________ KI numru___________________

__________________- KI numru _________________

__________________- KI numru _________________

Minorenni fil-kustodja tal-adulti:

__________________- ________________ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

__________________- ________________ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

__________________- ________________ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

__________________- ________________ KI numru/ Att ta' Twelid - numru tar-reġistrazzjoni

Jiena nobbliga ruħi li nosserva r-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans fil-Lokalitajiet, inkluż l-kondizzjonijiet kollha li jistgħu jiġu imposti mill-Kunsill.

_______________________________________

(Firma)

Isem: ___________________________________

K.I. numru: ______________________________

Indirizz: ___________________________________________________________
___________________________________________________________

Tel:_________________________

**Għall-Użu Uffiċjali:**

Qiegħed/mhux qiegħed jingħata permess għat-tqegħid tal-istess caravan għal jum wieħed fil-jum ta' ………….. barra ż-żona temporanja għall-kampeġġ.

Kondizzjonijiet:

Dan il-permess qiegħed jinħareġ taħt dawn il-kondizzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mill-permess:

Li l-applikant josserva r-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans fil-Lokalitajiet.

Kondizzjonijiet oħra tal-permess:

Post fejn jista' jitqiegħed il-caravan:

Dritt Imħallas:

Riċevuta Numru:

TIMBRU

---

**L.N. 136 of 2023**

## LOCAL GOVERNMENT ACT
## (CAP. 363)

### Temporary Placing of Caravans in Localities Regulations, 2023

IN EXERCISE of the powers conferred by articles 34 and 72 of the Local Government Act the Minister responsible for Local Government made the following regulations.

**1.** (1) The title of these regulations is the Temporary Placing of Caravans in Localities, Regulations 2023. Citation, applicability and commencement.

(2) These regulations shall be applicable in accordance with article 34(2) of the Local Government Act. Cap. 363.

(3) These regulations shall come into force on the 1st July 2023.

**2.** In these regulations unless the context otherwise requires: Interpretation.

"Act" means the Local Government Act; Cap. 363.

"applicant" means any individual applying for a permit in accordance with these regulations;

"application" means a request made by an applicant to the Local Council in accordance with these regulations, in the forms listed in the First or Second Schedule to these regulations;

"authority" includes any Ministry or Government department or agency and any joint body set up by law;

"caravan" means any vehicle with its own power or otherwise, designed for the transportation of persons and is equipped with beds and, or is equipped with facilities for the cooking of food;

"Council" means a Local Council;

"day" means from midnight of a specific day to midnight of the next day;

"locality" shall have the same meaning as assigned to it in the Act;

"placing" means a parking in the same locality for a period exceeding four (4) hours or for combined periods on the same day which exceed four (4) hours;

"temporary camping area" means any area specified in a bye-law issued by a Local Council after obtaining permits required in accordance with any law, where caravans can be placed for a period not exceeding seven (7) days between 1st June and 30th September.

Applicability without prejudice to other Bye-laws.

**3.** These regulations shall apply between the 1st June and 30th September of every year and shall apply instead of other bye-laws made by a Council with respect to the placing of caravans in the locality in question:

Provided that the said bye-laws shall continue to apply with respect to the placing of caravans which are not provided for in these regulations and during the remaining months of the year.

Prohibition of placing of caravans outside authorised localities.

**4.** (1) Without prejudice to any other law which provides for the requirement of any other permission from any other authority or for any enforcement procedure or for any punishment for an offence under that law, no one may at any place within a locality, place a caravan without prior written authorisation granted by the Council in accordance with these regulations and the conditions stipulated in the permit.

(2) A permit in accordance with sub-regulation (1) may only be granted:

(a) for a temporary camping area of a caravan; or

(b) for a caravan placed in a location in the locality outside the temporary camping area for one (1) day:

Provided that a permit issued in accordance with paragraph (b) may not authorise the placing of a caravan in any parking area in the locality which is managed by a public entity as a parking area of a facility of that entity without the prior consent of that entity.

Exemptions.

**5.** The provisions of regulations 3 and 4 shall not apply to:

(a) the placing of caravans on Government land for which an agreement between the Lands Authority and an association representing the collective interests of caravans owners and by which it allows caravans to be placed on that land is in force, in accordance with the conditions of that agreement;

(b) the placing of caravans on private land with the

permission of the owner of that land in circumstances where that use of such land is permitted in accordance with the law; and

(c) the placing of caravans in the locality of the ordinary residence of the caravan's owner in a location reasonably close to such residence, without prejudice to any other law:

Provided that during the time of such placing, the caravan is not being used for camping or habitation purposes.

**6.** (1) An applicant may apply with the Council for permission to place a caravan in one of the areas indicated in the bye-laws with respect to the placing of caravans of the respective localities or in another location in the locality. Applications.

(2) The application shall include the following details of the caravan:

(a) size;

(b) whether the caravan has mechanical power or otherwise;

(c) accommodation and food preparation facilities in the caravan;

(d) the number of persons that the caravan can accommodate; and

(e) a photo of the caravan.

(3) The application shall include the names, surnames and identity card numbers of the persons who shall be using the caravan in the temporary camping area or in another location in the locality and the dates on which the applicant intends to place the caravan in the said area or location;

**7.** (1) An application for the issue of a permit to place a caravan in a temporary camping area or for one (1) day outside a temporary camping area in accordance with regulations 3 and 4, shall be made to the Council of the locality where that area is situated as determined by the Council: Issuing of permits and conditions.

Provided that the Council shall also provide facilities for applications and granting of permits to be made by electronic means as well.

(2) A permit issued by a Council to place a caravan in a

temporary camping area or in another location in accordance with regulations 3 and 4, shall be subject to such conditions as may be determined by the Council which may include, *inter alia*, conditions relating to health care and cleanliness, lack of obstruction, appropriate behaviour and outdoor cooking. Different conditions may be imposed regarding different caravan types and in particular caravans with their own power or otherwise.

(3) A permit issued in accordance with these regulations or in accordance with any other bye-law of an individual Council may not authorise the placing of a caravan in a temporary camping area for a period of more than seven (7) days.

Maintenance of cleanliness and respect for the environment.

**8.** (1) The applicant shall respect the natural environment of the area and shall maintain the part of the area or another location assigned for the placing of his caravan, and any facilities that may be present for his use, in a clean state and when the caravan is removed from the location, the facilities and the land used shall be left in a clean state.

(2) During the entire time during which the caravan is placed in the temporary camping area or another location, the applicant shall have waste bags as part of his daily equipment.

The permit shall be exhibited on the caravan.

**9.** (1) During the time that a caravan is placed in a temporary camping area or elsewhere in accordance with regulations 3 and 4, the permission to authorise such place shall be prominently displayed on the caravan.

(2) A printed permit by the applicant after receiving it electronically from the Council shall also be valid to satisfy the requirements of this regulation.

Times when the caravan can be delivered in the area.

**10.** Every caravan permitted in accordance with these regulations shall, on the first day of placing in the temporary camping area be delivered in the area, and if there is a place available in the area indicated to the applicant in the permit, the caravan shall be placed between nine in the morning (9a.m.) and nine in the evening (9p.m.) but in any case not later than nine in the evening (9p.m.).

Number of persons accommodated in a caravan.

**11.** There may not be more than four (4) adults accommodated in a caravan or in the case of another family or group with children, two (2) adults and the children in their custody.

Distance from coastline.

**12**. Unless the Council assigns another location, no caravan shall be placed at a distance of less than fifteen (15) metres from the coastline.

**13.** (1) A ten euro (€10) fee, which shall be paid in advance, shall be due by the person to whom a permit in accordance with regulation 3 is issued, to the Council for each day on which a caravan is authorised to be placed in a temporary camping area. Fees.

(2) In the case of a permit for placing a caravan outside a temporary camping area, there shall be due a fee of five euro (€5).

**14.** Without prejudice to any higher punishments applicable under any other law, any person who, except as may be expressly permitted under any law, places a caravan in a locality in a manner not in accordance with these regulations, and any person who infringes any provision of these regulations or any condition forming part of a permit issued in accordance with these regulations shall be guilty of an offence against these regulations, and shall upon conviction of such an infringement be liable to a fine (*ammenda*) of not less than one hundred euro (€100) and not more than five hundred euro (€500) and to fifty euro (€50) for each day in which such offence persists. Offences and punishments.

---

## FIRST SCHEDULE

**Local Council (Coat of Arms)**

**Permit Application Form**

**Application Form for a Posting of Caravan in a Temporary Camping Area in the Locality of........**

The Executive Secretary,

I am requesting permission in accordance with the Temporary Placing of Caravans in Localities Regulations to place a caravan as follows:

Area: ____________________________

Date(s): __________________________

Caravan size: ______________________

The caravan has mechanical strength: YES/NO

The caravan contains accommodation facilities for ____ persons

The caravan has a kitchen/food preparation facilities: YES/NO

I am attaching a photo of the caravan

These people are going to be accommodated in the caravan:

Adults:

__________________- ID number _________________

__________________- ID number _________________

__________________- ID number _________________

__________________- ID number _________________

Minors in adult custody:

__________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

_________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

__________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

__________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

I undertake to observe the Temporary Placing of Caravans in Localities Regulations, including all conditions that may be imposed by the Council.

_____________

(Signature)

Name: _________________________________

I.D. number: _________________

Address:

________________________________________________________

________________________________________________________

Tel:________________________

**For Office Use**

It is hereby being granted permission to place a caravan in the temporary camping area........: by the applicant...........for the period beginning on.................. and ending on........................

Conditions:

This permit is being issued under the following conditions which form an integral part of the permit:

That the applicant observes the Temporary Placing of Caravans in Localities Regulations.

Other permit conditions:

Place where the caravan may be placed:

Fee Paid:

Receipt Number:

STAMP

**SECOND SCHEDULE**

**Local Council (Coat of Arms)**

**Permit Application Form**

**Application Form for a Posting of Caravan Outaide a Temporary Camping Area in the Locality of........**

The Executive Secretary,

I am applying to place the caravan for one day (date..........) as follows:

Location: ________________________

Date: ____________________________

Caravan size: ______________________

The caravan has mechanical strength: YES/NO

The caravan contains accommodation facilities for ___ persons

The caravan has a kitchen/food preparation facilities: YES/NO

I am attaching a photo of the caravan

These people are going to be accommodated in the caravan:

Adults:

________________- ID number ________________

________________- ID number ________________

________________- ID number ________________

________________- ID number ________________

Minors in adult custody:

________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

________________- _________________ ID number/ Act of Birth registration number

I undertake to observe the Temporary Placing of Caravans in Localities Regulations, including all conditions that may be imposed by the Council.

_______________________________________

(Signature)

Name: _________________________________

I.D. number: ____________________________

Address:
__________________________________________________________
__________________________________________________________

Tel:_________________________

**For Office Use**

A permit is/not being granted for the placing of the same caravan for one day on the day of......................outside the temporary camping area.

Conditions:

This permit is being issued under the following conditions which form an integral part of the permit:

That the applicant observes the Temporary Placing of Caravans in Localities Regulations.

Other permit conditions:

Place where the caravan may be placed:

Fee Paid:

Receipt Number:

STAMP

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.90**